2025/1461

19.7.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1461

tal-18 ta' Lulju 2025

li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li tmien entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiżdied entità ġdida mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, li hija l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal restrizzjonijiet fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, u oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huma b'dan emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bl-eċċezzjoni tal-emendi għall-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, li għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-18 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

[1] ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj.

ANNESS

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)":

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"48.	State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice	Дзяржаўнае знешнегандлёвае ўнітарнае прадпрыемства Белзнешпрамсэрвіс Государственное внешнеторговое унитарное предприятие Белвнешпромсервис	Indirizz: 2 Kazinets street, Minsk, 220099, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 14.7.1992 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 100128724 Tel: + 375 17 272 07 08 Fax: + 375 17 260 18 87 Indirizz elettroniku: reception@bvpservice.com Sit web: https://www.bvpservice.by/ Individwi assoċjati: Id-Direttur Ġenerali Aleksandr Yakovlevich Anischenko	State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice ġiet stabbilita sabiex tippromwovi l-prodotti tad-difiża Belarussi fis-swieq barranin. Hija tispeċjalizza fl-esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata għal skopijiet militari u għandha d-dritt li ttejjeb, issewwi u tforni oġġetti militari għad-Difiża tal-Ajru, il-Forza tal-Ajru u l-Forzi tal-Art tal-Belarussja. Għaldaqstant, State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice qed tappoġġa l-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja.	19.7.2025

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
49.	OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company	Науково-виробниче товариство з обмеженою відповідальністю 'ОКБ ТСП' Научно-производственное общество с ограниченной ответственностью 'ОКБ ТСП'	Indirizz: Frantsiska Skoriny Street, building 1, unit 21, 220076 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 8.7.2002 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 190369982 Tel: + 375 17 311 05 69 Indirizz elettroniku: tsp@tspbel.com Sit web: https://sdc.okbtsp.com	OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company hija kumpanija tad-difiża involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disinn tal-armi. Hija għandha liċenzji għall-manifattura u l-kummerċ barrani maħruġa minn State Authority for Military Industry (l-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari) tar-Repubblika tal-Belarussja. Tipproduċi tagħmir bħal vetturi militari u sistemi kontra l-inġenji tal-ajru. Għaldaqstant, OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company hija entità li tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja.	19.7.2025
50.	KB Unmanned Helicopters (UAVHeli)	КБ Беспілотныя Верталёты ООО КБ Беспилотныйе вертолеты	Indirizz: d. 47, korp. 14, ul. Yanki Mavra, Minsk, 220015, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 27.4.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: 192807396	KB Unmanned Helicopters (UAVHeli) hija kumpanija Belarussa li tipproduċi inġenji tal-ajru u tagħmir tal-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija tipproduċi ħelikopters mingħajr bdot abbord mgħammra u ddisinjati speċifikament biex jintużaw f'kuntest militari. Għaldaqstant KB Unmanned Helicopters hija entità li tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
51.	Legmash Plant OJSC magħrufa wkoll bħala ZAVOD SHVEINYKH MASHIN OAO magħrufa wkoll bħala OTKRYTOE AKTSIONERNOE OBSCHESTVO BELORUSSKIY METALLURGICHESKIY ZAVOD magħrufa wkoll bħala OTKRYTOE AKTSIONERNOE OBSCHESTVO ZAVOD LEGMASH	Адкрытае акцыянернае таварыства Завод 'Легмаш'	Indirizz: Vostochny Lane, 17, Orsha, 211390, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 6.5.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 300228934 Tel: +375 216 42 00 91 Sit web: https://legmash.by/ Indirizz elettroniku: legmash@vitebsk.by	Legmash Plant OJSC hija impjant Belarussu li jipproduċi projettili ta' 152-mm u 122-mm għall-artillerija tal-kanuni (inkluż Howitzers D-30, D-20, Msta-B, Giatsint-B, u l-modifiki awtopropulsivi tagħhom). Il-faċilità timmanifattura wkoll rokits mhux iggwidati ta' 122-mm tal-linja 9M22U-1 għal-lanċjatur ta' rokits multipli 9K51 Grad MLRS. Għaldaqstant, Legmash Plant OJSC qed tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja. Legmash Plant OJSC tirċievi benefiċċji fiskali estensivi, irregolati minn leġiżlazzjoni presidenzjali u mill-Gvern Belarussu. Għaldaqstant Legmash Plant OJSC qed tibbenefika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka.	19.7.2025
52.	Research and Production Unitary Enterprise Scientific and Technical Center 'LEMT' BelOMO magħrufa wkoll bħala UP NTTS LEMT BELOMO	Науково-виробниче унітарне підприємство 'Науково-технічний центр "ЛЕМТ" БєлОМО'	Indirizz: D. 23, korp. 1, Nezhiloe pomeshchenie, Makaenka street, Minsk, 220114, Belarus Tip ta' entità: Intrapriża tal-Istat Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 26.05.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 100230590	Belarusian Scientific and Technical Center LEMT huwa proprjetà tal-intrapriża tal-istat BelOMO. LEMT jimmanifattura miri ottiċi u sistemi għal armi konvenzjonali, rangefinders tal-laser, moduli ta' kejl tad-distanza bbażati fuq lasers b'dijodi, u sistemi ta' kontroll tan-nar bil-laser. Il-miri LEMT jintużaw fl-azzarini awtomatiċi AK-12 prodotti mill-Kalashnikov tar-Russja. Għaldaqstant LEMT jifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
53.	Laser Devices and Technologies magħrufa wkoll bħala Laser Devices and Technologies Limited Liability Company	Общество с ограниченной ответственностью 'Лазерные приборы и технологии' Таварыства з абмежаванай адказнасцю 'Лазерныя прыборы і тэхналогіі'	Indirizz: Tsentralnaya Street, House 2, Room 116, Demidovichsky Village Council, Yutski Village, Dzerzhinsky District, Minsk Region, Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 10.2.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: 691827047 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus	LLC Laser Devices and Technologies, li qabel kienet magħrufa bħala LLC Laboratory of Additive Technologies, hija kumpanija Belarussa li tispeċjalizza fil-gaskets. Din tissupplixxi komponenti lil utenti finali militari bħal Peleng u Uralvagonzavod. Il-kumpanija tipprovdi wkoll partijiet għall-produzzjoni ta' miri panoramiċi (PKP) għat-tankijiet Russi T-72 u T-90. Għalhekk, LLC Laser Devices and Technologies tipprovdi komponenti lis-setturi militari u industrijali tal-Belarussja, filwaqt li tappoġġa l-avvanzi militari u teknoloġiċi tal-pajjiż, kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża u sigurtà tiegħu.	19.7.2025

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
54.	JSC Vistan magħrufa wkoll bħala Open Joint Stock Company 'VISTAN'	Адкрытае акцыянернае таварыства 'ВІСТАН' Открытое акционерное общество 'ВИСТАН'	Indirizz: Dimitrova street, 36/7, 210627, Vitebsk, Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti miftuħa Post tar-reġistrazzjoni: Vitebsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.2.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 300029332 Post prinċipali tan-negozju: Belarus Sit web: https://vistan.ru/index.html Indirizz elettroniku: comintern@tut.by, info@vistan.ru	JSC Vistan hija manifattur Belarussu ta' għodod tal-magni, inklużi ċentri tal-immaxinjar tas-CNC, moli ċilindriċi, magni tat-tħin mingħajr ċentru, tagħmir tal-ipproċessar tal-gerijiet, u tornijiet. Dawn huma teknoloġiji b'użu doppju użati fil-produzzjoni ta' oġġetti militari. JSC Vistan tesporta aktar minn 60 % tal-prodotti tagħha lejn ir-Russja u tforni għodod tal-magni lil intrapriżi Russi relatati mad-difiża, inkluż JSC 'Krasny Oktyabr'. Il-kumpanija hija parti minn programm ta' sostituzzjoni tal-importazzjonijiet bejn il-Belarussja u r-Russja u qed tirċievi US $15 000 000 f'finanzjament appoġġat minn sostenn finanzjarju mill-Istat Russu, biex tespandi l-produzzjoni tal-magni tal-ipproċessar tal-gerijiet. Barra minn hekk, JSC Vistan irċeviet finanzjament mill-gvern Russu għall-iżvilupp ta' proġetti strateġiċi tal-avjazzjoni, li jindika l-kontribut tagħha għall-kumpless militari-industrijali Russu. Għalhekk, JSC Vistan tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali Belarussu u tikkontribwixxi għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, u għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha.	19.7.2025

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1461/oj

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
55.	Rukhservomotor LLC magħrufa wkoll bħala OOO Ruchservomotor magħrufa wkoll bħala TAA Ruchservamator magħrufa wkoll bħala OOO Rukhservomotor magħrufa wkoll bħala Limited Liability Company 'Rukhservomotor'	ТАА Рухсерваматор ООО Рухсервомотор	Indirizz: 5 Montazhnikov Street, 220019, Minsk, Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 800002497 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus Sit web: https://eng.e-motors.tech/, https://lasercut.by/ Tel: + 375 17 390 54 47 +375 17 390 30 76 Fax: + 375 17 390 54 48 Indirizz elettroniku: info@e-motors.tech	Rukhservomotor LLC hija kumpanija Belarussa li tiffoka fuq l-iżvilupp u l-manifattura ta' sistemi ta' koordinati ta' preċiżjoni. Hija tforni lill-kumpaniji li huma utenti finali militari b'oġġetti b'użu aħħari militari. Il-kumpanija tipparteċipa fil-produzzjoni ta' miri panoramiċi (PKP) għat-tankijiet Russi T-72 u T-90. Għalhekk, Rukhservomotor LLC tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali Belarussu, u tikkontribwixxi għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, u l-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha.	19.7.2025";

(2) fl-Anness II, tiżdied l-entrata li ġejja:

"Legmash Plant OJSC".